MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Numru. 1077/2010

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Fernando Sammut, iben Lawrence, imwieled Pieta' fis-27 ta' Frar, 1980, Karta ta' l-Identita numru 134180(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fix-xahar ta' Settembru, 2010 f'Raħal Ġdid, Marsaskala u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożżizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingannm jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila,

setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' madwar €184 għad-dannu ta' Lara Agius minn Raħal Ġdid;
2. talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi għamel qliegħ ieħor b'qerq, cioe' l-qliegħ ta' €184 għad-dannu ta' Lara Agius minn Raħal Ġdid;
3. talli fl-istess ċirkostanzi ffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra u cioe' dokumenti ta' 'Scan Centre' tal-Marsa u 'Littles Discount Supermarket' sitwat fi Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala illi meta jiġu prezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku u aktar talli għamel użu mill-istess karta msemmija għad-dannu ta' Lara Agius minn Raħal Ġdid;
4. talli fl-istess data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi kkometta serq ta' BOV Cashlink Card ta' Lara Agius minn Raħal Ġdid.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-akż jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal ts-seduta tal-4 ta' Frar, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 167, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Probatiion Order għal żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------